MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Numru. 30/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Celestinu Cini**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Celestinu Cini, ta' tnejn u tletin (32) sena, bin Joseph u Georgina neé Grech, imwieled fil-25 ta' April 1976 u residenti fil-fond Hamlet Court, Flat 14, Triq tan-Nahla, Marsalforn, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita'

numru 11976(G) li gie akkuzat talli fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' Awwissu 2009, gewwa l-Victoria Ghawdex :

1. Minn gewwa l-fond Mojo's, Pjazza President J.F. Kennedy, Victoria, seraq qsari li jammontaw ghal aktar minn € 232.94 liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin, ghad-detriment ta' Claire Borg,

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, ir-reat li qed jigi akkuzat bih l-imputat, il-fedina penali tieghu u, kif ukoll, dak li wassal lill-imputat biex jikkommetti r-reat li tieghu huwa akkuzat.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputat kkometta r-reat li hu gie akkuzat bih peress illi certu Charlie Cordina kellu jaghtih xi flus. Jirrizulta li l-imputat seraq il-qsari bir-rabja. Huwa minnu li hadd m'ghandu jiehu l-ligi b'idejh u li kull persuna ghandha tkun responsabbli ghal ghemilha, pero fic-cirkostanzi, u wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u tad-difiza rigward il-piena, thoss li f'dan il-kaz ghandu jigi applikat Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana ghar-ragunijiet msemmija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 21, 261(c), 261(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal canfiera u twiddiba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------